VASSALLI AND HIS TIMES A. CREMONA



li t-taljani Fac Fede, Biagini u oħrajn igħidu li jgħatsu "*anch* *aprendo il vetro di un orologio*"—mqar jekk tiftaħ il-ħġieġa t arloġġ.

Aħna, għad li tfal *illeġittimi* ma għandniex wisq, u għalhek ma toqgħodx dina t-taqsima ta' l-Eicehorst, iżda, kemm ilna to ba, rajna li wkoll f'Malta dan huwa l-mard li jâti l-imnieġ lill-mewt biex taħsad ħafna tfal u ġġib l-istraġi ta' l-innoċent

Ħafna tfal u trabi jagħtsu. Hawn xi kotba tal-mard ta tfal li jgħidu ħmerija kbira u jxerrdu l-fehma ħażina li me t-trabi jagħtsu u jkollhom imneħirhom imżaddam ikunu ħadu riħ. Barra minn dan, jista jiġi mill-*febbre da fieno*, li Malta f studjata, mid-*diphtheria*, mill-ħożba, mir-*Rinite Epidemica*, mil *Grippe* u mxijiet oħra; inbagħad tista' tiġi wkoll mis-*Sifili* *Ereditaria*, li bħal ma kien jaħseb missierna, il-Prof. Galea, i Prof. C. Samut, il-Prof. Stilon u oħrajn, hija wisq aktar imxe rda milli wieħed jaħseb. U għalhekk it-tiżdima għandna nieħd ħsiebha u naħsbu ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx u minnflo ma nikkurawha bil-*Pomata Borica*, bl-aċidu borku u bi ħmerij oħra, għandna nsejħu t-tabib għax, xi drabi, kull deni ħudu b'ġ u tabib tajjeb jinduna mil l-ewwel berqa li hemm marda kerh fit-tarbija li jekk ma taħsbilhiex mill-ewwel tagħmel ħsara kbi u teqred it-tfal. B'dana kollu, naħsbu dejjem indarru 't-tfal għa l-arja, għax l-egħluq u l-fsied fit-tfal, jiftħu t-triq għall-ma tas-sider.

Nisa Ingliżi, Franċiżi, Taljani, Ġermaniżi u oħrajn stagħġ u qalulna kemm-il darba kemm huma b'saħħithom it-tfal t Malta u li l-ħtija tal-mewt u l-istraġi tagħhom huma l-ommij u l-qraba. Il-misħuta gażaża teqred tfal wisq: aħna ngħidul t-tebut tat-trabi.

It-tabib filantropu G. C., sinjur ħafna, għarraq ħajtu jfitt għaliex fost il-Għarab u oħrajn bogħod miċ-ċiviltà, ħafna ma bħal kankru, appendiċite, rickets (il-mard fil-għadam) u oħra ma jinsabux. Sab li fit-trabi għarab ma hemmx ħafna ma għax ma hemmx *Patent foods* u fliexken. Fuq dana ngħidu fit-t Hawn biss ingħidu li d-deni, kemm ta' l-imsaren u kemm t *Cholera Infantium* (kolera tat-tfal) il-lum igħidulu: "*Feedin* *bottle Disease*".

(*Jissokta*) **Dr. P. P. Agius.**

# IL-GĦAŻŻIEN...

L-Għażżien, il-Bu-Għażżien, u
Missier-il-Għażżenin,
Bil-ħmar, igħidu, ħarġu
Fuq kerrettun rekbin...

U ċiklem, ċiklem, ċiklem...
Iltaqgħu ma' perun... (1)
L-Għażżien, li lemħu l-ewwel,
"Xi jleqq!" qal "dak xi jkun?..."

U l-Bu-Għażżien hekk wieġbu:
"Dak fils (2) qadim! għaliex
Ma tinżel int u ġġibu?...
Biċċa deheb daqshiex!"

Għax ma tinżelx int? l-ewwel
Ma rajtu int; jien xhud! (3)
Se' mmur għalik inbati
Biex int tibq' hemm paxxut! (3)

(1) Perun jew parun.— Il-peruni kienu bċejjeċ tal-flus tad-deheb akbar mid-dubluni, koll wieħed daqs nagħla ta' żiemel. Igħidu ħabbathom il-Konti Ruġġieru. Il-lum għadna ngħidu perun għal xi ħaġa li tiswa bosta: mifles.

(2) Fils—biċċa flus.

(3) Għal min jifli bir-reqqa "xhud" ma "paxxut" ma tmurx. Ngħid jien: m'hix rima bid-dumis jew kif igħidu l-ingliżi "*perfect rhyme*" iżda rima tgħaddi, "*allowable rhyme*". Imma tarġa jaqblu u jdoqqu tajjeb ukoll għax id-*d* ta' "xhud" tinqara u tistama' *t* għax fit-tarf. Ara: *d* dejjem tinqara *d* bħal fit-taljan u fil-latin: biss fit-tarf tal-kelma u mita tiltaqa' mal-*f*, *ħ* (kħott jew *eħħe mqarrħa*) *k*, jew *q* (qoff) tingħad *t*: hekk ngħidu (niktbu): *marad, ward, dfart* li jinqraw u jinsemgħu, *marat, wart, tfart*. (Vassalli, Diz: Malti, f. 140.)

U bida jgħajjat maġħhom !
I 'Mma qalbu le ma tatu
• Jitħarrek biex b'idejh
I Jiġbor il-fils, u baqa'
I Bħal xaħma jħares lejh !...

Sa kemm il-ħmar iddejjaq (4)
Biex jimxi riġlejh medd...
U 1-biċċa deh'b ħallewha
Bla minnhom ħadd mankedd.

" L-għażżien xogħolu għali "
Il-qawl il-malti jgħid :
Anqas iħarrek snienu
Biex jiekol biss majrid !

V. M. B.

Jorqod. lijed: ehandn V - *c*TM*fl għaX imur bil•la;ma U
Ussew xinhn hafcTli ** fuq kollox 11 ^lqot u li turik
ikun ,ni exi ^, / ,.rx ,ma ssibhiex ħlief fuqu : miu

I » bil-maqlub \M i / ? - ^ ' U i ' ^ ' miexi avol;l
^ A weqaf, avoija tħrriklut !leqaf nia Jibbaslax jimxi, u
^ ^ d u , weraYJ^ Melahawn, mita qabad jimxi
q 8 Hħażżien minn dawk ta' fuqu !

# X'KITBULNA U X'WEĠIBNA.

Ruma, 16 ta'Diċembru 1924.

Wisq għażiż tiegħi Sinjur,

Nibqa' nafulek tal-ferħa litajtni għal għarrieda mita bgħattli l-Grammatka Maltija maħruġa mWW *Għagda tal-Kitiieba tal-Malti*\ Għalija hu ktieb ta'siwi u fejda mill-ikbar u jidhirli illi hu xhieda qawwija ta' kemm it-tagħlim tal-malti miexi l-quddiem.

Jekk jista' jkun li nindaħal f'din il-ħaġa u tħallini nsaqsik kienx iktarx ikun aħjar li wieħed ma jitbiegħedx mill-għàda li l-lum tinsab, tista' tgħid kullimkien fit-tagħlim xjentifiku tal-Għarbi u ta' l-i!sna semitiċi biex niftiehmu, illi wieħed jinqeda bl-ittra h flok bl-ħ, bil-għelm [1] flok bil-għ, bil-ġ flok bil-ġ (li fil-kitba xjentifika tal-għarbi toqgħod għall-għ ta'qiegħ il-gerżuma), biċ-ċ flok iċ-ċ. Barra minn Malta majistàx ikun lissib stamperiji li għandhom ħ u ċ.

Imma b'dan kollu jiena nifirħilkom minn qalbi tax-xogħol li għamiltu u lijistħoqqlu kull tifħir.

Niżżik-ħajr u nselli għalik.

Tiegħek
Prof: **CARLO A. NALLINO.**

Lis-Sur F.S. Caruana,
19 Sda. Reale,
Valletta, (Malta)

*{Mil- Taljan)*

TAGħRIFA. Għal min majafux, nistgħu ngħarrfu illi **CARLO A. NALLINO** huwa Professur tal-Għarbi fl-Università ta Ruma. Kiteb xi xgħolijiet u fosthom l-iktar magħruhn huma : "*Chrestomaihia Corani ArabicaC* Leipzig, I 9 1 2 - Bċejjeċ tal-Quràn imfissrin bil-latin u *"L'Arabo parlaio tn E%itio* \ 1913. —Giammatka, qwiel u taħdit tal-Għarbi Masn.